# KAPITOLU 1*

## LIĠI DWAR IL-KOSTITUZZJONI U ĠURISDIZZJONI TAL-QRATI EKKLESJASTIĊI

*Liġi li tirregola l-kostituzzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-qrati ekklesjastiċi u li tissuġġetta kull klassi ta ċittadini, fi ħwejjeġ temporali, għall-ġurisdizzjoni tat-tribunali sekulari.*

(10 ta April, 1828)#

*Saret liġi bil-PROKLAMA NRU. V TA l-1828, kif emendata bl-Avviż Legali 46 ta l-1965; bl-Atti: XXXI ta l-1966, LVIII ta l-1974 u XXIV ta l-1975; bl-Avviż Legali 148 ta l-1975; u bl-Atti I u XXIV ta l-1995.*

**1.** Din il-Proklama tista tissejjaħ il-Liġi dwar il-Kostituzzjoni u Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekklesjastiċi.

Titolu fil-qosor.

**2.** Il-qrati jew l-imħallfin ekklesjastiċi stabbiliti jew maħtura, jew li għad ikunu stabbiliti jew maħtura f Malta, għad-deċiżjoni tal-kawżi li jirrigwardaw il-liġijiet tal-Knisja Kattolika Rumana ma għandhom ebda ġurisdizzjoni u ma jistgħu jagħmlu jew jittantaw jagħmlu ebda att ġudizzjarju li jkollu effett ċivili, u mhux biss spiritwali, ħlief kif jista jiġi provdut b liġi.

Ġurisdizzjoni tal-qrati u ta l-Imħallfin ekklesjastiċi. *Sostitwit: I. 1995.16.*

**3.** Id-dokumenti u l-atti tal-qrati ekklesjastiċi fil-każijiet fejn l-istess qrati jistgħu skond l-artikolu 2 ta din il-liġi ikollhom effett ċivili huma ammissibbli bħala prova bl-istess mod kif provdut fl-artikolu 627 tal-Kodiċi ta Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kemm-il darba dawn ikunu awtentikati kif provdut minn żmien għal żmien, mil-liġi ekklesjastika li tirregola dawk il-qrati.

Dokumenti ta Qrati Ekkleżjastiċi. *Emendat: A.L. 46 ta l-1965; XXXI. 1966.2; LVIII. 1974.68. Sostitwit: I. 1995.16* Kap. 12.

*Imħassar: I. 1995.16.*

Il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni spiritwali. *Emendat: A.L. 148 ta l-1975.*

*Imħassar: I. 1995.16.*

Ħatra ta mħallfin ekklesjastiċi. *Emendat: A.L. 46 ta l-1965; XXXI. 1966.2; LVIII. 1974.68; XXIV. 1975.2*

*Imħassar: I. 1995.16.*

Esekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati ekklesjastiċi.

---

**Ara* l-Ordinanza dwar l-Estensjoni ta Privileġġi għall-Isqof ta Għawdex (Kapitolu 15).

#*Ara* Gazzetta tal-Gvern Nru. 896 tas-16 ta April, 1828.

Tneħħija ta l-immunità persunali.
*Emendat:*
*XXXI. 1966.2;*
*XXIV. 1975.2;*
*I. 1995.16;*
*XXIV. 1995.360.*

**4.** Mid-data ta din il-Proklama l quddiem, ebda persuna li tkun tgħix jew toqgħod f Malta ma għandha tkun eżenti, minħabba l-grad, kondizzjoni soċjali jew professjoni tagħha, ċivili jew ekklesjastika, militari jew navali, jew minħabba xi privileġġ ieħor, ikun li jkun, milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-qrati sekulari, għal jeddijiet temporali, jew milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-qrati sekulari, għal delitti temporali, jew, għal kull rigward ieħor, milli tkun suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati hawn fuq imsemmija: iżda, kull kawża, proċess jew proċedura oħra għandhom isiru quddiem qorti, imħallef jew maġistrat sekulari, kompetenti biex jieħdu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża, proċess jew proċedura.